32006D0629

L 256/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 20.9.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Settembru 2006

## li taħtar membru Litwan fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2006/629/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Litwan,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010.

(2) Il-post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li ntemm il-mandat tas-Sinjura Virginija Lukošienė,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Stasė Skutulienė, membru tal-Kunsill tal-Muniċipalità Distrettwali ta' Šilutė, hija b'dan maħtura bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjura Virginija Lukošienė għall-perjodu li jifdal tal-mandat tagħha, li huwa sal-25 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussel, 15 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. TUOMIOJA

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.